MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Numru 319/2001

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Saviour Cachia, iben Anthony,
imwieled Pieta' fil-31 ta' mejju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Ħaż-Żabbar matul il-lejl tal-14 u il-15 ta' lulju, 2000 bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi sgass il-bieb u daħal fil-MUSEUM li jinsab fi Triq il-Kbira, Żabbar liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema reat li kieku sar kien ikun aggravat bil-lok, bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin iżda anqas minn elf liri maltin u bil-ħin;
2. talli fl-istess ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq

ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-ħames
mitt liri maltin, imma iżjed minn ħamsin liri maltin, għad-dannu tas-soċjeta'
tal-MUSEUM;
3. talli fl-istess ċirkostanzi kiser il-provvedimenti imposti fuq b'sentenza tal-Qorti
tal-Maġistrati tat-22 ta' marzu, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedi-
menti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------